MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-11 ta' April, 2011

Numru 260/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**

**vs**

**Stefan Busuttil**

**Il-Qorti,**

**Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita'numru 59677M, akkuzat talli:**

**1. fis-7 ta' Frar 2009 u fix-xhur ta' qabel, fil-Blata l-Bajda, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' 'parts' mill-stores ta' Michael Attrad Imports Limited sitwat fi Triq Nazzjonali, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccediex l-€2329.37 u bil-persuna.**

**2. fl-istess zmien, f'dawn il-Gzejjer, xjentement xtara u/jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun iddahhal f'dawn il-Gzejjer biex ibiegħhom jew imexxiehom, liema oggetti huma gejjin minn serq aggravat bil-valur li ma jeccediex l-€2329.37 u bil-persuna.**

**Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta.**

**Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti fuqha anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.**

**Rat l-atti u d-dokumenti.**

**Ikkonsidrat:**

**Hu pacifiku li t-tieni akkuza hija in alternattiva ghall-ewwel; din ta' l-ahhar tirrigwarda serq li taghha l-imputat ammetta u liema ammissjoni hi wahda volontarja u inkondizjonata.**

**Tiddikjarah hati tal-ewwel u tissoprasjedi fuq it-tieni. Rat l-Artikolu 261(b)(d), 267(d), u 279(1) tal-Kap 9 tiddeciedi li tapplika kontra l-imputat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sitt xhur.**

**Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------